*Mit-tazez kristalli mill-iffen ....*
*min qarmeċ taħt drasu*
*l-għenieqed tad-dwieli*
*ta' Edom?*
*Mill-platti tal-fided*
*min ħafen bla rażan*
*il-qatgħet taż-żbul*
*lewn id-deheb?"*

*Bqajt bla tweġibal*
*u bil-għatx ....*
*u bil-ġuħ ....*
*xufftejja mqarqċa*
*imċarta*
*bħal zkuk niexfa*
*li jdawru xi blajta fix-xagħ'ri ....*
*Ġismi tgħatta bil-ġrieħi.*
*'Żda ħadd ma ġie jbexxex*
*fuq ġbini*
*il-qtari*
*tan-nida tal-ħajja*
*jew jagħtini nitrejjaq*
*b'xi pala tal-bajtar.*

*Hadd ma ġie jidlek il-fwieħa*
*ma xagħri*
*bħal dari.*

*Waqaft ....*
*ħarist ma' dwari ....*

*Bqajt waħdi*
*fis-swali tal-għonja*
*setgħana.*

*Wasalt sa ġbart bħal Ruth,*
*l'ifdla tal-qmugħ maħsud*
*u lbist f'riġlejja*
*il-qorq tal-wirt.*

*Jixbdu għemili*
*il-gawwija wiċ-ċerva*
*li lmaħtbom*
*f'rifless ġewwa l-merja*
*ta' fided, l-avorju*
*u tifwiġ tal-qawsalla*
*l-ilwien.*

VICTOR MALLIA-MILANES

## IL-PAĊI TA' KAMARTI

*F'kamarti*
*ordni, kwiet u sliem.*

*Niftaħ filgħodu t-tieqa*
*u jdawlu kamarti r-raġġi tax-xemx.*
*U nara kmieni kmieni*
*l-isfar-aħmar tal-larinġ misjur.*
*Meta mbagħad igħaddi ftit żmien*
*jidhru l-fjuri mlewma jitliegħbu*
*maż-żiffa friska u wtieqa ta' filgħodu.*

*Fis jibda t-tgeġwiġ ta' l-agħsafar*
*jittajru fuq il-friegħi kbar*
*ta' l-awrikarji tal-ġnien.*
*U tinstema' ġejja mill-kappella*
*ċ-ċempila żgħira tal-qanpiena*
*tikser is-skiet qaddis...*
*Hekk tibda l-ħajja tagħna ta' kuljum*
*mill-kwiet u s-sliem tal-kamra*
*għat-tgeġwiġ ta' barra fil-ġnien*
*"Xi waqt miksur bin-niket,*
*Mogħni xi waqt bil-ferħ."*

*Iżd'għandi kamr'oħra,*
*wisq isbaħ u għażiża għalija,*
*li qatt ma nħalli warajja.*
*Ta' spiss fit-tgeġwiġ u l-għagħa tal-ħajja*
*nidħol nistkenn fiha;*
*u hemm dejjem sibt*
*l-ordni, il-kwiet u l-mistrieħ.*

*Meta jvenven ir-riħ mat-tieqa,*
*u x-xita u s-silġ iċekċku mal-ħġieġ,*
*u r'għad ikarwat,*
*u l-beraq ileħħ fil-bogħod,*
*il-kamra tiegħi tibqa' sabiħa l-istess*
*u xejn ma jtellifni l-paċi ġo fiha.*
*Għalhekk ġo fiha biss nistkenn.*

*Għax kemm indum fiha*
*qatt ma nitlef it-tama*
*li dalwaqt jerġgħu joħorġu r-raġġi tax-xemx;*
*u nitbenna bil-ħsieb*
*li wara x-xita*
*l-ward ser jiftaħ u jfewwaħ iktar sabiħ.*
*U meta jorqod r'għad*
*ser tinstema' iktar ċar*
*iċ-ċempila żgħira tal-qanpiena*
*tikser is-skiet qaddis...*

Loyola House, 6.iii.65 JOHN AZZOPARDI, S.J.